**52. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ambjent l-Onor. George Vella, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu japplika għall-kumplament ta' din is-sessjoni tal-Parlament:

(a) Illi fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta fil-għodu u oħra fil-għaxija;

(b) Illi f'każ ta' seduta fil-għodu, din għandha tibda fid-9.00 a.m., u l-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30 a.m. u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun f'nofsinhar u l-aġġornament ma jeħux aktar minn nofs siegħa;

(c) Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis kemm fil-għodu kif ukoll fil-għaxija, is-seduta ta' fil-għodu tkun biex isir xogħol kif kontemplat fl-Ordni Permanenti 8 (2) jekk ikun hekk imiss; u illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis fil-għaxija biss, isir xogħol kif kontemplat fl-Ordni Permanenti 8 (2), jekk ikun hekk imiss;

(d) Illi s-seduta tista' tissejjaħ nhar ta' Sibt, kemm fil-għodu, kemm fil-għaxija, taħt l-istess kundizzjonijiet li taħthom isiru s-seduti l-oħra fil-ġranet tal-ġimgħa, ħlief nhar ta' Ħamis;

(e) Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu għat-tenur ta' l-Ordni Permanenti 83 għandhom jittieħdu meta jissejħu, billi l-votazzjoni tittieħed għoxrin minuta minn meta terġa' tintalab.

17.04.1997